MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 34/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Leguese**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Leguese talli fil-21 ta'Lulju 2006 ghal-habta tal-04.30 hrs. gewwa 'Cinque Bar', Triq San Gorg, Paceville, San Giljan:

(1) Pejjep f'xi fond maghluq privat jew pubbliku, li hu miftuh ghall-pubbliku hlief fi kmamar fejn jista' jsir tipjip;

(2) Irrifjuta li jaghti jew ta falz lil ufficjal pubbliku li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu fejn joqghod u partikularijiet ohra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Jannar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi David Leguese hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fis-6 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali huwa illi l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat (allura imputat) ghax qalet illi ma giex identifikat meta fl-affidavit ta’ P.S. 635 esebit fil-process hemm dettalji kompleti ta’ l-appellat li jidentifikawh.

Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-process u, minnha jirrizulta illi fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2007 quddiem l-ewwel Qorti gie verbalizzat li ma tressqet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni u lanqas mid-difiza. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti mbaghad qalet illi ma saritx prova ta’ l-identita` u ghaddiet biex tillibera lill-appellat.

Pero` l-prosekuzzjoni ressqet prova u dan huwa l-affidavit ta’ P.S. 635 Alan Calleja a fol. 3 tal-process. Dan fil-fatt kien l-uniku u x-xhud principali tal-prosekuzzjoni. F’dan l-affidavit l-imsemmi xhud jghid illi kien xoghol San Giljan, Paceville, fil-21 ta’ Lulju 2007 ghall-habta ta’ 4.30 a.m. u dahal fil-lokal li jismu “Cinque” fi Triq San Gorg, Paceville, u hemm kien hemm persuna li kienet qieghda tpejjep. Jghid li hargu lil din il-persuna barra peress illi ma setghux ikellmuh minhabba l-volum gholi tal-muzika u nfurmawh li kienu ser jirrapportawh peress li kien qieghed ipejjep go post pubbliku. Talbuh il-partikolaritajiet tieghu izda beda jirrifjuta li jtihom. Dak il-hin talab ghall-assistenza sabiex

din il-persuna titnizzel l-ghassa. Ix-xhud jghid illi kompla jinsisti li ma jaghtix il-partikolaritajiet izda wara hafna hin qal li hu "David Leguese imwieled Ethiopia fil 16-11-1982 residenti numru 4, Sqaq Sant'Elija, Sliema detentur tal-karta tal-identita` 238895M".

L-akkuza sussegwentement inharget kontra "David Leguese, 23 sena, bin Samson u Josephine nee` Vella, imwieled Ethiopia fis-16/11/1982, u joqghod gewwa 4 Sqaq Sant'Elija, Sliema ID:238895(M)".

Waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti rrizulta mill-karta ta' l-identita` tal-persuna li din il-Qorti kellha quddiemha, li dan kien Dawit Samson Legese bil-karta ta' l-identita` numru 238895(M). Jigifieri n-numru huwa l-istess pero` l-isem, ghalkemm jixxiebah, huwa differenti. Ghalhekk id-dettalji kontenuti fl-affidavit mhumiex korretti. Barra minn hekk gie suggerit mid-difiza li, sa fejn taf hi, f'Paceville ma hemm l-ebda fond bl-isem ta' "Cinque" izda li hemm post bl-isem ta' "Clique". Peress illi hawn si trattava ta' persuna li allegatament fil-bidu kienet irrifjutat li taghti l-partikolaritajiet taghha, il-prosekuzzjoni kellha toqghod aktar attenta dwar id-dettalji eventwalment fornuti, tivverifika sew dawk id-dettalji u sahansitra tipproduci lix-xhud taghha sabiex jixhed *viva voce* biex ikun jista' jidentifika l-persuna migjuba quddiem il-Qorti.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-appell ta' l-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------